**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 25 ta' Jannar, 2019**

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**
**vs**
**Charles Cutajar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Charles Cutajar detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 275063M u akkuzat talli fit-2 ta' Dicembru, 2017 bejn il-5:00 u s-6:00 ta' filghodu;

1. Minn gewwa l-ufficini tal-kumpanija 'Bad Boys Cleaners Limited liema kumpanija ghandha l-indirizz, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata il-Bajda, Hamrun, kkometta serq ta' flus kontanti u kif ukoll ta' laptop ghad-dannu ta' Emanuel Degiorgio u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huma kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix

elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara saret ghad-dannu ta' Emanuel Degiorgio u/jew persuna jew persuni ohra, u liema hsara hija ta' izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) izda ma tiskorrix elfejn u hames mitt euro (€2,500);
3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Francseco Depasquale LL.D) fis-27 ta' Gunju, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat Charles Cutajar bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49. 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Rat ir-Rikors kongunt tal-Avukat Generali u ta' l-akkuzat Charles Cutajar datata 17 ta' Jannar, 2019 ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta fejn sar patteggjament rigward il-piena u fejn inghad hekk:-

Illi l-esponent konguntivament, filwaqt li jiddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parte tal-akkuzat Charles Cutajar ghall-akkuzi migjuba kontrih fl-ismijiet premessi, tenendo kont tal-fattispecie kollha tal-kaz, is-sanzjoni jew mizura li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tliet snin (3) u sitt (6) xhur oltre li tingieb fis-sehh is-sentenza sospiza ta' xa0har prigunerija moghtija nhar is-27 ta' Gunju, 2017 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fil-konfront ta' Charles Cutajar fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Charles Cutajar (per Mag. Dr. Francesco Depasquale LL.D) u kwindi ghal piena karcerarja effettiva u kumplessiva ta' tliet (3) snin u seba' (7) xhur. Dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija, fosthom il-hlas tal-ispejjez peritali kollha jew f' ammont li joghgobha tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu waqt l-udjenza tallum stess.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 289, 325(1)(b), 28A sa H tal-Kodici Kriminali kif ukoll in-Nota ta' Pattegjament tas-17 ta' Jannar, 2019 kif ukoll l-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u

tikkundannah tliet (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija. Il-Qorti tordna li tigi fis-sehh is-sentenza sospiza ta' xahar prigunerija moghtija permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-27 ta' Gunju, 2017 sabiex b' hekk l-imputat ghandu jiskonta piena karcerarja effettiva u kumplessiva ta' tliet (3) snin u seba' (7) xhur prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf, mija u tlieta u tmenin ewro u tnejn u tmenin –il centezmu (€1183.82[1]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela
Deputat Registratur

[1] Rapport ta' Dr. Martin Bajada pg 228-243 €906.12, rapport ta' Dr. Mario Scerri pg 263-277 €277.70